MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Numru. 203/2001

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D'Anastas)
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Saviour sive Silvio Cacciattolo

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Saviour sive Silvio Cacciattolo, detentur tal-karta tal-identita Nru 480372(M), li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fit-23 ta' Marzu, 2001 ghall-habta tas-1.30 ta' wara nofsinhar bil-hsieb li jikkommetti serq ta' diversi oggetti minn garage sitwat fi Triq Forrest San Giljan, wera' dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-lok;

Talli fit-22 ta' Marzu, 2001 ghall-habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti mill-appartament bin-numru 2252 sitwat fil-'Garden View Complex' Triq is-Sidra Swieqi ghad-dannu ta' Pries Thomas u Poulen Dat it-tnejn ta' nazzjonalita Daniza, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccediex l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-lok;

Talli fit-2 ta' Frar, 2001 f'xi hin matul il-gurnata kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti u zewg cheques tal-HSBC bin-numri serjali 44853001597 u 44853001598 mill-fond bl-isem 272/3 Churchill Flats, Triq Manuel Dimech Sliema ghad-dannu ta' Marika Doublet minn Tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-lok;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-jiem ta' wara din id-data, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe' zewg cheques tal-HSBC bin-numri serjali 44853001597 u 44853001598 illi meta ppezentahom ircieva hlas jew ha l-kunsinna ta' oggetti ghad-dannu ta' Alexander Caruana mill-Belt Valletta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-jiema ta' wara din id-data b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddieohr, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamle qligh bi hsara ghad-dannu ta' Alexander Caruana mill-Belt;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta' Alexander Caruana ghamel xi qligh iehor b'qerq liema ammont ta' qligh huwa ta' LM660;

Talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 330, 279, 280, 41(1)(a), 318, 309, 310, 183, 184, 49, 50, 289, 31, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi prodotti illi fit-23 ta' Marzu tas-sena 2001 l-Ispettur Magri kien gie infurmat mill-Ispettur D'Anastas illi kien qieghed izomm lill-imputat fuq imsemmi u kien qed jinvestigah fuq xi serq minn fond sitwat fi Triq il-Forest San Giljan.  L-Ispettur Magri beda jinvestiga lill-imputat fuq imsemmi hu wkoll u l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija.

Illi minn din l-istqarrija irrizulta illi l-imputat fuq imsemmi ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, b'dana illi qal illi huwa dahal fil-fond imsemmi sabiex jaghmel il-bzonnijiet naturali tieghu, umbaghad ra xi oggetti hemm hekk u seraqhom, anzi ipprova jisraqhom. L-imputat stqarr illi meta kien fil-garaxx u kien diga qala 'coat' minn go gwardarobba u ha ukoll lampa u pogga l-'coat' u l-lampa f'bagalja.  Hekk kif kien ser johrog gie ragel u staqsih x'kien qieghed jaghmel hekk hekk u kien b'hekk illi giet sfrattata s-serqa.  Dan ir-ragel kien fil-fatt gharraf lill-pulizija illi gew fuq il-post u arrestaw lill-imputat. L-imputat, dwar dan l-attentat ta' serq, kien qal lill-pulizija illi huwa kien ghaddej mill-entratura tal-flat u dahal fil-garaxx minn bieb li jaghti ghal kuridur.  Ikkonferma li ma kellu l-ebda dritt jidhol f'dan il-fond.  L-imputat ammetta ukoll f'din l-istqarrija t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu.  Huwa stqarr, dwar it-tieni imputazzjoni, illi wara li kien seraq l-oggetti u hareg mill-fond, gie ragel warajh, hu

harab jigri, pero' dan ir-ragel kien lahqu, u hu tah kollox lura ghaliex kien inqabad. Pero' l-flus ma kienx tahomlu lura, kien zammhom. L-imputat stqarr illi kien jiddispjacih ta' dak illi kien ghamel.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni, dik illi l-imputat seraq diversi oggetti fosthom cheques u flus mill-fond bl-isem 272/3 Churchill Flats, Triq Manuel Dimech Sliema ghad-dannu ta' Marika Doublet, l-imputat ma ammettiex din is-serqa u ghaldaqstant huwa ma ammettiex it-tielet imputazzjoni.

Illi fil-fatt dwar din it-tielet imputazzjoni l-imputat kien gie arrestat darba ohra mill-pulizija u kien irrilaxxja stqarrija ohra u precizament fis-7 ta' Marzu, 2001 fejn huwa kien cahad illi kien ikkommetta din is-serqa, pero' ammetta illi l-ghada u cioe' fit-3 ta' Frar, 2001 kellu fil-pussess tieghu cheque illi fil-fatt ittiehed f'din is-serqa. Mistoqsi mill-pulizija kif gie ghandu dan ic-cheque l-imputat wiegeb li kien tahulu certu Robert li jghidulu ta' Kazza Car Dealer, li kien sar jafu hdejn id-Detox u li kien ma wiehed Gharbi jismu Raxid ghandu xahru, skond l-imputat, bhal ta' Bob Marley. L-imputat, mistoqsi jekk Robert kien tahx dan ic-cheque ghal ta' xejn b'xejn, wiegeb illi Robert kellu jaghtih elf lira u ghalhekk kien tah zewg cheques li skond Robert kienu taz-zija tieghu. L-imputat qal ukoll illi Robert kien gablu l-passaport taz-zija tieghu meta l-imputat kien talbu kellux x'juri li c-cheques kienu tajbin. L-imputat stqarr ukoll mal-pulizija illi wiehed mic-cheques in kwistjoni u cioe' dak ghall-ammont ta' LM475 (erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltija) huwa kien xtara bicca deheb minghand Alexander Caruana u li din il-bicca deheb kien bieghha lil xi hadd tat-Taxi ghall-prezz ta' LM150 (mija u hamsin lira Maltija), liema ragel huwa ma jafx x'jismu. L-imputat stqarr ukoll li din il-bicca deheb kien tilef minnha, kellu ibieghha jumejn wara u dana peress illi Alex ma riedx jaghtih flus u allura kellu ibiegh id-deheb sabiex ikollu xi haga x'jonfoq.

Illi dwar ic-cheque l-iehor l-imputat stqarr illi kien ta lil Alex tletin lira talli sarrafulu u l-kumplament kien hadhom flus u nefaqhom. Huwa stqarr illi ma riedx imur il-bank issarraf ic-cheques hu peress illi ma kienux tieghu u beda jibza li

c-cheques ikunu hziena, cioe' mhux tajbin, jew foloz u ammetta wkoll illi setghu kienu misruqin u kien ghalhekk illi kien Alex illi sarraf ic-cheques u mhux hu.

Illi sussegwentement l-imputat waqt din l-istqarrija bidel il-verzjoni tieghu u stqarr illi ma kienx Robert ta' Kazza li kien tah dawn ic-cheques, imma kien certu Daniel Chapman, illi skond hu kien iltaqa mieghu hdejn id-detox dakinhar li mar isarrfu ghand Alex. Mistoqsi jekk kienx jaf li dan Daniel Chapman ilu mahrub minn Malta ghal madwar sitt xhur, l-imputat qal illi huwa dan ma jafux u baqa' issostni illi kien Daniel Chapman li kien tah ic-cheques u li ma jafx illi dan Daniel Chapman mhuwiex qieghed Malta. Mistoqsi jekk hux involut f'xi serq iehor l-imputat wiegeb li kellu xi kazijiet pendenti l-Qorti u xejn aktar.

Illi xehed Alex Caruana fis-sens illi l-imputat kellu xi cappetta illi kien ser ibieghhielu hu u ta' din ic-cappetta l-imputat kien qallu li kien ser igiblu cheque ghaliha. Caruana xehed illi bieghlu c-cappetta ghal LM400 (erba' mitt lira). L-imputat gablu cheque illi kien ghal ftit aktar u kien mahrug fuq kont ta' mara. Caruana talbu l-ID card ta' din il-mara u l-imputat kien gablu l-passaport taghha. Caruana mar il-bank bic-cheque u bil-passaport, ic-cheque issarraf mill-bank u Caruana ta lill-imputat ic-cappetta. Jumejn wara, dejjem skond Caruana, l-imputat gablu cheque iehor u qallu, "ipprova sarfu ma ghandix ID card, pero' naghtik ghoxrin lira minnu." Caruana rega mar il-bank, problemi ma kienx hemm u c-cheque issarraf. Sussegwentement Caruana xehed illi huwa gie infurmat mill-pulizija illi c-cekkijiet kienu gew misruqin. Anzi mhux il-pulizija kienu infurmawh imma certa Doublet illi fl-isem tal-kont taghha kienu miktubin ic-cheques. Caruana kompla jixhed illi kienu kellmuh il-Pulizija u kien baghat ghalih il-Manager tal-HSBC u spjegalu dwar dawn ic-cheques u infurmah illi kien ser jehodlu l-flus talli ta' dawn ic-cheques mill-kont bankarju tieghu u fil-fatt hekk sar. Caruana xehed illi t-tfajla tal-imputat qeghda thallsu xi haga fix-xahar u sa issa kienet taghtu xi mitt lira. Caruana xehed illi meta l-imputat gie jaghtih ic-cheques huwa kien f'karozza ma xi persuni ohrajn, pero' huwa ma setghax

jiddentifika lil dawn il-persuni. Huwa ra ragel f'din il-karozza u ma jafx jekk kienx hemm mara magembu jew le. L-imputat kien qallu, "halli immur ingiblek l-ID card." Mar fil-karozza u gablu l-passaport tal-mara illi f'isimha kienu inhargu z-zewg cheques.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni l-Qorti tara illi l-verzjoni tal-imputat mhijiex wahda kredibbli. L-ewwel beda billi qal illi kien certu Robert illi jghiduli ta' Kazza, car dealer illi kien tah dawn ic-cheques u sussegwentement huwa qal illi dawn ic-cheques kien tahomlu Daniel Chapman, persuna li huwa maghruf li dak iz-zmien kien ilu mahrub minn Malta.

Illi meta kien semma lil Robert inizjalment, l-imputat kien ivvinta storja illi Robert kellu jaghtih elf lira peress illi kien bieghlu xi affarijiet u ta' dan kien tah zewg cheques li kien qallu li kienu taz-zija tieghu. Huwa kien qal ukoll illi Robert kien gablu l-passaport ta' din iz-zija tieghu. Sussegwentement irrizulta illi mic-cheque ta' erba mija u hamsa u sebghin lira l-imputat xtara bicca deheb minghand Alexander Caruana u din il-bicca deheb huwa kien bieghha ghall-prezz ta' mija u hamsin lira fi zmien jumejn biex ikollu xi haga x'jonfoq. L-imputat stqarr illi kien baghat lil Alex Caruana il-bank peress illi kien beza illi c-cheques setghu kienu misruqa.

Illi l-imputat biddel il-verzjoni tieghu fl-istess stqarrija. L-ewwel semma lil Robert ta' Kazza, lil certu Raxid b'xahru bhal ta' Bob Marley, Gharbi, u f'daqqa wahda biddel il-verzjoni u qal illi c-cheques kien tahomlu Daniel Chapman u ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-verzjoni tal-imputat m'hijiex wahda kredibbli.

Illi Marika Doublet, il-persuna illi mill-kont taghha kienu inharrgu dawn iz-zewg cheques in kwistjoni, xehdet illi fit-2 ta' Frar tas-sena 2001 kienet sabet xi taqlib fil-flat u dak il-hin sabet television u camera neqsin. Sussegwentement sabet li kienu hadulha wkoll dakinhar sitt cekkijiet minn fuq ic-cheque book taghha, kienu hadulha wkoll il-"visa card", kif ukoll il-passaport. Doublet

stqarret illi sal-gurnata tal-lum ghadha ma haditx lura t-television u l-camera.

Illi l-imputat ma tax spjegazzjoni kredibbli kif huwa gie fil-pussess ta' dawn iz-zewg cheques misruqin minn fuq ic-"cheque book" ta' Marika Doublet u lanqas kif kien gie fil-pussess tal-passaport ta' Doublet u ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sodisfacentement it-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Illi dwar ir-raba imputazzjoni u cioe' illi l-imputat iffalsifika zewg cheques tal-HSBC illi meta ipprezentahom irceva hlas, jew ha l-kunsinna ta' oggetti ghad-dannu ta' Alexander Caruana mill-Belt Valletta, il-Qorti tara li din l-akkuza giet ippruvata ampjament mill-Prosekuzzjoni u mix-xhieda kollha illi ressqu.

Illi punt rilevanti ferm huwa illi l-imputat kien ghadda lil Alexander Caruana c-cheque numru 1598 tal-valur ta' erba mija u hamsa u sebghin lira l-istess gurnata li kien issarraf u cioe' fit-2 ta' Frar, 2001 u l-ghada Caruana mar il-bank u sarrfu.  Xi tlett ijiem wara, u precizament fis-7 ta' Frar, 2001, l-imputat baghat lil Caruana l-bank b'cheque iehor, din id-darba fl-ammont ta' mija hamsa u tmenin lira.

Illi l-pulizija kienet ghamlet l-indagni kollha necessarja u sabet illi Robert maghrufa ta' Kazza li joqghod x'imkien l-Imqabba u li jghidulu l-Auto Dealer ma jezistix.  Meta l-Ispettur Magri kellem lil Raxid u ikkonfrontah mal-imputat Raxid qal lill-Ispettur illi qatt ma kien ra lill-imputat u illi ma kien veru xejn illi c-cekkijiet kienu ghaddew minn taht idejh u kien meta ra hekk illi l-imputat biddel il-verzjoni u qal lill-Ispettur Magri illi c-cheques kien tahomlu certu Daniel Chapman.

Illi dwar ir-raba' imputazzjoni ghalhekk il-Qorti tara illi din l-imputazzjoni tirrizulta ampjament ippruvata u l-Qorti qeghda issib u tiddikjara lill-imputat **hati** wkoll ta' din l-imputazzjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat il-hames imputazzjoni, dik ta’ truffa u is-sitt imputazzjoni u cioe’ illi l-imputat ghamel xi qliegh b’qerq bi hsara ta’ Alexander Caruana, liema ammont ta’ qliegh huwa ta’ sitt mija u sittin lira. Il-Qorti tara pero’ illi dawn iz-zewg akkuzi ma gewx ippruvati fil-konfront tal-imputat odjern u dana peress illi ma giex ippruvat illi l-imputat uza xi tip ta’ qerq jew ingann fil-konfront ta’ Alexander Caruana. Alexander Caruana kien jaf sew ghal dak illi kien diehel, tant illi talab u irceva hlas ta’ tletin lira minghand l-imputat fuq it-tieni cheque u tant ukoll illi dwar l-ewwel cheque jidher illi Caruana dahhal dawn il-flus ghalih u ta cappetta tad-deheb lill-imputat. Ghaldaqstant il-Qorti, peress illi jonqos l-element essenzjali ta’ dan ir-reat, l-element ta’ qerq, qeghda **tillibera** lill-imputat fuq imsemmi mill-hames u mis-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi kwantu ghar-recidiva il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni ippruvat sodisfacentement illi l-imputat fuq imsemmi huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Illi in rikapitulazzjoni il-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u tar-raba’ imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda wkoll tiddikjara illi huwa recidiv. Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-hames u mis-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu peress illi ma gewx ippruvati skond il-Ligi.

Illi l-Qorti ghamlet dan kollu wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-7 ta’ Mejju, 2001.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat huwa recidiv. Qieset ukoll ir-rapport imhejji fuq inkarigu tal-Qorti mill-psikjatra Dr Peter Muscat, illi wara illi ezamina u ghamel l-evalwazzjoni tal-imputat, ikkonkluda illi l-imputat fuq imsemmi ghalkemm ma ibaghtix minn xi disordni mentali ghandu l-problema tal-abbuz mid-droga, il-personalita tieghu hija impulsiva, immatura u ghandu ‘low self esteem’. Dr Peter Muscat ikkonkluda illi l-imputat “would benefit most from a rehabilitation programme once he develops the motivation for change in his behaviour.”

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg, illi xehdet illi l-imputat kemm ilu l-habs mexa 'il quddiem, pero' huwa ghandu bzonn illi jaghmel programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga u dana l-programm irid ikun ta' natura residenzjali. Hija xehdet illi din hija l-unika triq li fadallu l-imputat sabiex jaqbad it-triq it-tajba u ibiddel hajtu.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghall-prigunerija ta' tlett snin, illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, tissolecita lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jippermetti lill-imputat, dejjem jekk dan ikun irid, u jaghtih kull facilita illi isegwi programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mid-droga taht l-awspici tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

-------------------------------TMIEM-------------------------------